# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 366/2019 JVC**

**Antonia Falzon (K.I. nru. 700550(M)); Josephine Grech (K.I. nru. 359452(M)); Mary Balzan (K.I. nru. 838254(M)); Carmen Zammit (K.I. nru. 648053(M)); Lucia Saliba (K.I. nru. 118657(M)); Phyllis Azzopardi (K.I. nru. 707758(M)); Odette Muscat (K.I. nru. 345286(M)) u; Ian Agius (K.I. nru. 35888(M))**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Antonia Falzon et ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Ir-rikorrenti huma lkoll l-unici qraba hajjin tal-mejjet Giovanni Maria Sammut, li miet fl-ewwel (1) ta' Dicembru elf, disa' mija, disgha u sebghin (1979); ir-rikorrenti Antonia Falzon, Josephine Grech, Mary Balzan, Carmen Zammit, Phyllis Azzopardi u Lucia Saliba huma lkoll ulied il-mejta Felicia Agius, bint l-imsemmi mejjet Giovanni Maria Sammut u l-mejta Antonia Micallef, filwaqt li r-rikorrenti Odette Muscat u Ian Agius huma lkoll ulied il-mejjet Grezzio Agius, iben il-mejta Felicia Agius u ghalhekk hu r-rikorrenti l-ohra;

2. Fic-certifikat tal-mewt tal-imsemmi Giovanni Maria Sammut, liema certifikat igib in-numru 824/80 (ara Dok. A), id-Direttur intimat nizzel taht il-kolonna 'Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla' illi l-imsemmi Giovanni Maria Sammut kien armel ta' martu 'Carmena née Micallef';

3. Jirrizulta pero' illi din id-dikjarazzjoni hija zbaljata stante li mart il-mejjet Giovanni Maria Sammut kien filfatt jisimha 'Antonia née Micallef' u mhux 'Carmena' (ara Dok. B);

4. Stante li r-rikorrenti qieghdin isibu diffikulta` jaqsmu l-wirt tal-istess mejjet Giovanni Maria Sammut bejniethom minhabba dan l-izball, jehtieg illi ssir korrezzjoni fl-imsemmi certifikat tal-mewt;

5. Ir-rikorrenti bl-ebda mod ma huma responsabbli ghal dan l-izball u ghalhekk ma ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Ragunijiet ghall-kawza

6. Ghaldaqstant, jirrizulta illi c-certifikat tal-mewt tal-imsemmi Giovanni Maria Sammut huwa zbaljat u jehtieg li ssirlu korrezzjoni stante li dan l-izball qieghed johloq diversi diffikultajiet lir-rikorrenti specjalment fl-attentat taghhom li jaqsmu l-wirt tieghu;

Talbiet

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara illi mart il-mejjet Giovanni Maria Sammut kien jisimha 'Antonia née Micallef' u mhux 'Carmena née Micallef' bhal ma gie erronjament indikat fic-certifikat tal-mewt tal-istess;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-mewt ta' Giovanni Maria Sammut (824/80) jaghmel korrezzjoni fejn taht il-kolonna 'Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla'', jigi kancellat l-isem 'Carmena' u minflok jigi sostitwit bl-isem 'Antonia';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel korrezzjoni f'certifikati ohra relattivi, jekk ikun il-kaz, li jistghu jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza;

4. Alternattivament, u jekk kemm-il darba l-korrezzjoni hawn fuq mitluba ma tkunx possibli, tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel annotazzjoni fic-certifikat tal-mewt ta' Giovanni Maria Sammut (824/80) sabiex jigi rifless il-fatt illi mart l-istess Giovanni Maria Sammut kien jisimha Antonia u mhux Carmena;

5. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjonijiet kollha l-ohra mehtiega f'certifikati u/jew dokumenti pubblici ohra relattivi, jekk ikun il-kaz, li jistghu jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi illi ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha ssir korrezzjoni fir-rikors promotur fir-rigward tan-numru tal-Att tal-Mewt ta' Giovanni Maria Sammut, stante li gie erronjament indikat. L-esponent jecepixxi illi n-numru tal-Att tal-Mewt ta' Giovanni huwa 824 tas-sena 1980 u mhux 0023414;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jiddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghal korezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 824/1980 skont kif mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat. Huwa minnu li mart il-mejjet Giovanni Maria Sammut, kien jisimha Antonia Micallef u

mhux Carmena Micallef, u dan kif jidher mill-Att taz-Zwieg li jinsab hawn anness u mmarkat 'Dok. DRP 1';

4. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll illi ghandha ssir tali korrezzjoni f'dawk l-Atti tal-iStat Civili relattivi kollha. Illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv ta' kull Att relattiv;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 15 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Antonia Falzon u Josephine Grech permezz tar-rikors guramentat odjern talbu flimkien mar-rikorrenti l-ohra li ssir korrezzjoni fl-att tal-mewt tan-nannu/buznannu, skont il-kaz, Giovanni Maria Sammut bin-numru ta' iskrizzjoni 0023414 sabiex taht il-kolonna 'Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla', isem in-nanna/buznanna, minn 'Carmela nee' Micallef' jigi kkancellat u sostitwit ghal 'Antonia nee' Micallef' u dana stante li minhabba dan l-izball kien qed ikollhom diffikulta' sabiex jaqsmu l-wirt tal-istess Giovanni Maria Sammut.

**Eccezzjoni Preliminari**

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi sorvolata l-ewwel eccezzjoni mqajjma mid-Direttur intimat fejn gie rilevat li ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha ssir korrezzjoni fir-rikors promotur fejn in-numru tal-Att tal-mewt ta' Giovanni Maria Sammut kellu jkun 824 tas-sena 1980 u mhux 0023414 kif erronjament indikat. Il-Qorti rat li fil-mori precizament fil-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2019 din il-Qorti, kif diversament presjeduta, laqghet it-talba sabiex kull fejn fir-rikors guramentat kien hemm referenza ghan-numru 0023414 tal-Att tal-mewt, jigi korrett ghan-numru 824/1980. Invista ta' dan, din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Rat illi fil-kumplament id-Direttur ma sabx oggezzjoni ghal korrezzjoni msemmija fl-Att tal-mewt bin-numru 824 tas-sena 1980;

Rat illi fl-atti gie esebit estratt mic-certifikat tal-mewt mizmum fl-ufficju Parrokjali tal-Knisja taz-Zebbug, Malta (a fol. 6 tal-process) kif ukoll l-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 729 tas-sena 1926 bejn Giovanni Maria Sammut u Antonia nee' Micallef li entrambi jevidenzjaw li mart Giovanni Maria Sammut kien jisimha Antonia u mhux Carmena kif erronjament indikat fl-Att tal-mewt 824 tas-sena 1980. Dan gie wkoll ikkonfermat mir-rikorrenti Josephine Grech li xehdet viva-voce waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019 li kkonfermat bil-gurament taghha li n-nanna taghha kien jisimha 'Antonia' u mhux 'Carmela'.

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li

tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante li mill-atti ma jirrizultax ta' min kien l-izball u cioe' jekk hux zball fic-certifikat originali tal-mewt jew inkella hux zball tad-Direttur intimat, din il-Qorti taqbel li l-ispejjez tal-kawza odjerna tqis li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi mart il-mejjet Giovanni Maria Sammut kien jisimha 'Antonia nee' Micallef' u mhux 'Carmela nee' Micallef' kif erronjament indikat fic-certifikat tal-mewt bin-numru 824 tas-sena 1980;

2. Tilqa t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-mewt ta' Giovanni Maria Sammut bin-numru 824 tas-sena 1980 jaghmel korrezzjoni billi taht il-kolonna 'Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla, jigi kkancellat l-isem 'Carmela' u minflok jigi sostitwit bl-isem 'Antonia';

3. Tilqa' t-tielet u l-hames talbiet kif dedotti f'kaz li jirrizulta xi att iehor bl-istess zball rikonoxxut f'din id-decizjoni.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba stante li sorvolata.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**